MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' April, 2010

Numru 1199/2006

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca
Spettur Joseph Mercieca)

vs

Keith Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra l-imputat ta’ karta numru ta’ identita’ 435882(M), akkuzat talli:

1. fid-9 ta’ Novembru 2006 ghal habta tal-11:45 a.m. fi triq l-Imdina Attard, flimkien ma’ persuni ohra, ikkommetta serq ta’ flus liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-Lm1000, liema serq sar flimkien ma’ offiza fuq il-persuna ta’ Riccardo Cremona u li saret ghad-detriment ta’ l-istess persuna;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Riccardo Cremona kontra l-volonta’ tieghu, liema sekwestru sar flimkien ma’ offiza fuq il-persuna ta’ l-istess Riccardo Cremona;
3. kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Riccardo Cremona permezz ta’ arma regulari, inkella bi strument li jaqta’ jew iniggez, inkella b’xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jahraq jew li hu korrosiv – Artikolu 217 tal-Kap 9;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq, kellu fuqu arma tan-nar, arma regulari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;
5. kellu fil-pussess tieghu arma regolari pprojbita kif stipulata fi skeda numru 1 ta’ l-Att dwar l-Armi, Kap 480;
6. f’H’Attard u/jew f’diversi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, fid-9 ta’ Novembru 2006 u fix-xhur ta’ qabel saq vettura Renault Megane, numru ta’ registrazzjoni DBG065 minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi persuni;
7. saq vettura numru DBG065 minghajr ma kienet licenzjata mill-awtorita’ kompetenti sabiex tintuza fit-triq;
8. saq l-istess vettura b’manjiera perikoluza, traskurata u negligenti;
9. irrenda ruhu recidiv b’sentenza ai termini tal-Artikolu 49 u 50, Kap 9, wara li nstab hati b’sentenza datata 22 ta’ Frar 2006 moghtija mill-Qorti ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu ittrasmetta l-atti lill-din il-Qorti sabiex tiggudika lill-imputat dwar ir-reita’ jew altimenti tieghu u dan fin-nuqqas ta’ opposizzjoni da parti tieghu;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex il-kawza tigi trattata u deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-verbal taghha tat-18 ta' Jannar ta' dina s-sena u l-verbal taghha tal-lum;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat:

- b'serq aggravat bil-vjolenza, mezz, valur u bix-xorta tal-haga misruqa;
- b'arrest, detenzjoni jew sekwestru ta' persuna f'cirkostanzi aggravanti;
- b'offiza gravi fuq il-persuna;
- b'pussess ta' armi tan-nar waqt l-ghemil ta' reat u b'pussess..etc.. ta' arma tan-nar jew munizzjon barra minn xi fond;
- b'nuqqas ta' kopertura ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;
- b'sewqan bla licenzja jew b'traskuragni.

Illi l-fatti jinsabu ben deskritti mix-xhud okkulari li assistiet ghal dak li gara, precisament, mill-hin ta' meta kienet ser tidhol fir-'roundabout', li sejhitilha tal-Imtarfa, sa meta d-derubat gie assaltat waqt li kien wieqaf fuq is-semaforu ta' H'Attard jistenna biex id-dawl jinbiddel fl-ahdar. Ix-xhieda taghha tinsab folio 167 u fil-qosor qalet: li fil-gurnata in kwistjoni ossija d-9 ta' Novembru 2006 kienet tat precedenza lill-trakk li kien qed igorr cilindri tal-gas u vettura ta' kulur blu skur; f'xi hin innutat il-vettura tieqaf b'konsegwenza li waqaf it-trakk ukoll u osservat persuna mill-vettura tisprejja xi haga fid-direzzjoni tat-trakk u l-vettura titlaq u t-trakk jitlaq ukoll u jiehdu l-istess direzzjoni taghha sa kemm waslu H'Attard. Kompliet tghid hekk: 'rajt wiehed minnhom, u precizament is-sewwieq, ghall-inqas hekk ghandi impressjoni, imur fid-direzzjoni tat-trakk, jiftah il-bieba tieghu [u] jidhol gewwa. Kien hemm l-iehor li beda icaqqlaq ic-cilindri u t-tnejn l-ohra li marru fuq il-parti opposta….Jiena dehrli li dawn l-erba guvintur kienu

attakkaw l-imsemmi trakk…Rajthom imbaghad l-istess erba' guvintur jergghu jaghmlu ritorn fil-vettura ta' kulur blu skur u hadu t-triq li tiehdok ghall-gonna ta' Sant Anton'. Ziedet tghid li waqfet meta ftit aktar lill-hemm waqaf it-trakk u hemmhekk osservat ferita superficjali fuq wicc id-derubat fuq in-naha tax-xellug ta' haddejh. Kienet innutat in-numru tal-vettura tal-guvintur li kienu assaltawh u ghaddietu lill-Pulizija. Gharfet il-vettura in kwistjoni mir-ritratt esebit fl-atti u markat 06 DBC 3 u 5. Din ix-xhieda sostanzjalment tikkorrobora x-xhieda tad-derubat li zied jghid li l-malvivent li sprejjalu l-likwidu f'wiccu kien dak li gie fuq in-naha tieghu mentri l-iehor min-naha opposta tefa' xi hgieg fid-direzzjoni tieghu. Konsegwenza ta' dan kien li naqsitlu l-'pouch' li kienet hdejh u kienet tikkontjeni mal-Lm500 jew Lm600 korrispondenti ghall-bejgh tal-gurnata tac-cilindri tal-gas. Dan ix-xhud gharaf lill-imputat bhala wiehed mill-malviventi bhala dak li gie fuq in-naha tieghu u wkoll gharaf il-vettura ta' kulur blu skur. Fil-kuntest tal-vettura jirrizulta wisq car mill-provi li kellha l-assikurazzjoni taghha skaduta, wkoll l-licenzja taghha tat-triq. Il-kollegament taghha mal-misfatt jirrizulta kemm mill-fatt tan-numru ta' registrazzjoni taghha u kemm ghaliex meta individwata pparkeggjata quddiem ir-residenza tal-imputat kellha l-magna ghada shuna. Il-fatt li ma startjatx mhu ta' ebda rilevanza fil-fattispecje tal-kaz kif ben tajjeb irrelata l-espert tekniku.

Issa, ghalkemm l-imputat ghazel li jixhed propju f'din l-udjenza, però anka fuq l-iskorta tax-xhieda tieghu tal-lum il-Qorti xorta tikkonkludi 'l fuq minn kull dubbju ragjonevoli, li l-imputat ghandu zgur jinstab responsabbli tas-serq u wkoll talli saq vettura minghajr kopertura ta' polza ta' assikurazzjoni u minghajr licenzja rinnovata tal-vettura.

Ikkonsidrat:

L-imputat jinsab wkoll akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 86 u cioe' ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi u ta' offizi gravi fuq il-persuna ai termini tal-

Artikolu 214, 216 u 217 tal-Kap 9. Fuq tal-ewwel hi l-fehma tal-Qorti li ‘z-zamma’ fil-kaz specifiku, billi eskluz li jista’ jinghad li kien hemm ‘arrest’ jew ‘sekwestru’, kien fugaci wisq sabiex jissusisti ir-reat. Waqt li dwar il-ferita gravi hu sintomatiku li d-derubat meta xehed quddiem il-Qorti fl-ebda hin ma qal jew accenna li sofra xi feriti u lanqas fl-istqarrija guramentata tieghu li saret fil-kors tal-inkjesta magisterjali ma ssoferma fuqhom ghajr li qal li sema’ xi haga tal-hgieg tinkisser fil-kabina, hass xi hgieg fuqu u immedjatament kif saq, billi id-dawl kien qaleb ghall-ahdar, hass tniggieza f’wiccu. Xejn, fil-fehma tal-Qorti, biex tirrizulta il-htija ta’ feriti gravi anka fuq l-iskorta tal-Artikolu 216 (2) tal-Kap 9 u idem ta’ feriti hfief.

Dwar il-bqija tal-akkuzi, cioè dawk li jittrattaw r-recidiva u l-Att dwar l-Armi, Kap 480, jinghad li fir-rigward tal-ewwel l-unika prova, jekk tista’ tissejhilha tali, hi tahrika kontra l-imputat, fis-seduta tat-traffiku, li ‘per se’ ma tfisser xejn, izda li imbaghad hemm referenza ghaliha u l-piena allegatament inflitta fuq il-fedina penali esebita. Pero’ hi u tibqa’ l-fehma ferma tal-Qorti li fin-nuqqas li tigi esebita almenu sentenza tal-Qorti, ir-recidiva tibqa’ invarjabbilment mhux pruvata. Fir-rigward ir-reati dedotti taht l-Kap 480 jinghad illi armi, bhala tali, ma irrizultawx izda ntefa’ xi likwidu jew sustanza f’wicc l-imputat. Dan, talvolta, jista’ jammonta ghall-pussess ta’ arma regolari skond l-Artikolu 64(2) tal-Kap 9. Fil-kaz de quo d-derubat jaccenna li s-sustanza kienet ‘pepper spray’ u tieghu, anka jekk issigillat, gie elevat bott mill-vettura tal-imputat. Prova din, anka jekk cirkostanzjali, li tirradika l-prova ghall-offizi taht l-Artikolu 55 tal-Kap 480 migjuba kontra l-imputat li jinghad illum stess fil-kors tax-xhieda tieghu jammetti li s-sustanza kienet ‘pepper spray’. Altrimenti, l-akkuzi l-ohra taht dan il-Kap ma jirrizultawx u dwar l-akkuza ta’ sewqan traskurat il-provi huma skarsi wisq biex tinstab reita’.

Konsegwentement, taqta’ u tiddeciedi, billi ssib l-imputat hati:

i. b’serq aggravat bil-vjolenza, mezz, valur u bix-xorta tal-haga misruqa;
ii. b’sewqan ta’ vettura minghajr ma’ kienet licenzjata u minghajr kopertura ta’ polza ta’ assikurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi persuni;
iii. b’pussess ta’ arma regolari;

Rat l-Artikoli 261(a)(c)(g), 262(b), 267, 271(g), 277(a), 279(a), 280(2) u 17(b) tal-Kap 9; l-Artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kap 104; l-Artikolu 55(b) tal-Kap 480;

Tikkundannah piena ta’ prigunerija ghal zmien tmintax-il xahar li però qeghdha tordna li jibqghu sospizi ghal erba’ snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 dement li l-imputat ma jikkomettix reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien sospiz;

Tikkundanna wkoll l-imputat li skond l-Artikolu 28H tal-Kap 9 ihallas lid-derubat is-somma ta’ elf u erba mitt euro zmien sitt xhur mill-lum.

Mill-bqija tilliberah mill-akkuzi l-ohra.

Fic-cirkostanzi ma tordnax il-konfiska tal-vettura.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------